# Il-Viżita Pastorali ta'
# L-ISQOF MONS. LORENZO DE ASTIRA
## (1670-1678)
## fil-Parroċċa ta' San Ġorġ fit-12 ta' Ġunju 1673

*mill-Kan. Dun Nikola Vella Apap*



### SS.MU SAGRAMENT

L-Il.mu u Rev.mu Fr. Don Lawrenz De Astrira, Isqof ta' Malta mal-Viżitaturi beda' l-Viżta fil-Knisja Parrokkjali tar-Rabat fil-Gżira ta' Għawdex taħt it-titlu ta' San Ġorġ Martri li jieħu ħsiebha r-Rev. Dun Pawl Lamagna. Sar is-soltu talb lill-erwieħ mejtin skond iċ-ċeremonji preskritti tal-pontifikal Roman. Mal-viżitaturi preżenti kien hemm il-Vigarju ġenerali Pietru Sabucco S.J., L-ewwel ma nvistaw kienet l-Ewkaristija li hija f'tabernaklu zgħir ta' l-injam li biċċa minnu hija ndurata, u biċċa oħra miżbugħa u miksija bil-ħarir aħmar. Fetħu l-Kappillan (Dun Pawl Lamagna) fejn kien hemm żewġ pissidijiet tal-fidda. Il-kbir minn ġewwa ndurat, u jservi biex jikonservaw fih is-Santissimu Ewkaristija. Iż-żgħir użah il-Kappillan biex jieħu l-Vjatku lill-morda.

### IL-FONTI TAL-MAGĦMUDIJA

Wara żaru l-Fonti tal-Magħmudija li jinsab fuq ix-xellug int u dieħel il-Knisja ħdejn il-bieb il-kbir. Huwa miksi b'koppla ta' l-injam f'forma ta' piramida. Minn ġewwa huwa miksi b'ħarir lewn ix-xema. Jingħalaq b'serratura biċ-ċavetta. Ħdejn dan il-Fonti hemm sagrarju li għandu għatu ta' l-injam. Fil-Fonti hemm il-ħtiġijiet kollha għall-Magħmudija.

### IŻ-ŻJUT IMQADDSA

Waral żaru ż-żjut Imqaddsa li huma kkonservati f'armarju bieba ta' l-injam, u jinqafel b'ċavetta. Huwa miksi b'ħarir aħmar. Fih hemm kaxxa ta' l-injam bi tlett ampollini tal-fidda bil-kitba biex jingħarfu minn xulxin. Wara żaru r-Relikwi fejn hemm biċċa mid-Driegħ ta' San Gejtanu. Din ir-relikwa ta' San Gejtanu tinsab f'recipjent ta' l-injam indurat u hija għall-altar ta' San Gejtanu, approvata mill-Knisja Episkopali fid-29 ta' Marzu tal-1664.

### L-ALTAR MAĠĠUR

Wara żaru l-Altar Maġġur li huwa tal-ġebel u jixraq biex isir il-quddiem fuqu. Tista' titla' għalih b'żewġ turġien tal-ġebel. Ta' fuq għandha l-pedata ta' l-injam u miksija b'tapit aħmar. Quddiem dan l-altar hemm tlett lampieri. Tan-nofs jixgħel kull jum, l-oħrajn jinxtegħlu fil-ħdud u fil-festi tal-preċett, imħallsin mill-Konfraternità tas-SS.mu Sagrament. Fuq dan l-altar hemm il-pittura (Icona) ta' San Ġorġ. Minn fuq dan l-altar l-Ill.mu u Rev.mu Viżitatur għamel is-Sagrament tal-Konfermazzjoni lit-tfal subien u bniet.

### L-ALTAR TA' SAN LAŻŻRU

Dritt wara l-Viżitatur, mal-viżitaturi, żaru l-altar ta' San Lażżru li huwa tal-ġebel u sewwa biex fuqu jsir is-sagrifiċċju tal-quddiesa. Quddiemu hemm lampier. Fuq dan l-altar twaqqfet il-Konfraternità tal-Karità. Fuq dan l-altar hemm il-piż li jissemma' fil-Viżita li saret fl-1667. Il-Viżitatur ordna biex jissejħu l-prokuraturi.

## L-ALTAR TAL-MADONNA TAL-GRAZZJA

Wara żaru altar ieħor ħdejn il-Fonti tal-Magħmudija taħt it-titlu ta' Santa Marija tal-Grazzja. L-altar huwa tal-ġebel u li huwa sewwa biex fuqu jitqaddes il-quddies. Quddiemu hemm lampier. Dan l-altar ġie imwaqqaf minn ċertu Ġorġ Muscat fejn kien jgħix fil-Gżira ta' Għawdex, li adottah b'biċċtejn ta' art, kif jidher fl-Atti tan-Nutar Tumas De Bono ta' l-4 ta' Ottubru 1642, li mid-dħul tiegħu jitmexxa l-altar. Fuq dan l-altar hemm imwaqqfa s-Sodalità ta' l-Agoniżżanti. Fiha hemm miktuba ħafna persuni rġiel u nisa. Dawn kull ġimgħa jħallsu "Granum" (biċċa flus) u wara l-mewt isiru quddies għall-erwieħ tagħhom għoxrin quddiesa. Fuq dan l-altar isir quddies kull nhar ta' Tnejn kif ħalla Ġorġ Muscat. Ħalla wkoll li jitkanta l-Vespri u quddiesa fil-festa tat-twelid tal-Beata Verġni Marija. Kien jieħu ħsieb dan il-piz Duminku Mercieca, prokuratur ta' dan l-altar. Il-Viżitaturi raw id-dħul ta' din l-amministrazzjoni.

## L-ALTAR TA' SAN GEJTANU

Wara żaru l-altar taħt it-titlu ta' San Gejtanu li huwa tal-ġebel u xieraq biex fuqu jsir is-sagrifiċċju tal-quddies. Quddiemu hemm lampier tal-fidda. Dan l-altar għandu renta ta' żewġ skudi fis-sena, mogħtija minn Dun ġann Marija Cardona, fundatur ta' dan l-altar. Dan jidher fl-Atti tal-mejjet Lucio Dello Re biex jitkanta l-ewwel Għasar u ssir quddiesa kantata fil-festa ta' dan il-qaddis u jinxtgħel il-lampier fil-jiem tal-festa.

## IL-KAPPELLA TA' SANTA KATERINA

Wara żaru l-altar li hemm fil-kappella li hemm imwaqqfa fuq in-naħa tal-lemin ta' l-altar, maħtur taħt it-titlu ta' Santa Kateriina Verġni u Martri. L-altar huwa tal-ġebel u jixraq biex fuqu jsir is-sagrifiċċju tal-quddiesa. Quddiem dan l-altar hemm imdendel lampier taċ-ċomb. Fuq dan l-altar isir quddies kull ġimgħa mill-benefizzju li qiegħed għand ir-Rev. Dun Angelo Mallia J.U.D. Kull nhar ta' Erbgħa jqaddes il-Kappillan. Il-werrieta ta' Valerju Ciantar obbligati jħallsu 12 il-terrena (biċċa flus) lill-Kappillan biex jitkanta l-ewwel Vespri u ssir quddiesa kantata fil-festa ta' din il-qaddisa. Dan jidher fl-Atti tan-Nutar Tumas De Bono fil-11 ta' Settembru 1642. Ir-Rev.du viżitatur u l-viżitaturi sejħu lill-werrieta biex jaraw dan il-piż huwiex isir.

## L-ALTAR TA' SANT'IGNATIO U SAN FRANGISK SAVERJU

Wara żaru l-altar taħt it-titlu ta' Sant'Ignatio u San Frangisk Saverju tal-Kumpanija ta' Ġesù. L-altar huwa tal-ġebel. Jixraq li fuqu jsir is-sagrifiċċju tal-quddiesa. Dan qiegħed ħdejn il-bieb iż-żgħir tal-Knisja. Kien jitkanta Vespri (Għasar) u ssir quddiesa kemm fil-festa ta' Sant'Ignatio, kif ukoll fil-festa ta' San Frangisk Saverju. Il-viżitaturi raw il-bini mibdi biex titkabbar il-Knisja u l-Matrici ġdida fejn eżortaw lil Rev.du Sinjur Pawlu Lamagna Kappillan modern ta' din il-Knisja għal presekuzzjoni ta' din l-opra l-ġdida. Wara żaru s-Sagrestija fejn hemm il-ħtiġijiet kollha, fejn żammew nota ta' dak kollu li fiha.

### *RIFERENZI*


A.E.G. V.P. Lorenzo De Astiria.



Ħajr lill-Kan. Penit. Lwiġi Camilleri talli għeni fil-qari ta' din il-Visita Pastorali.
Ħajr ukoll lis-Sur Tony Terribile talli silifni r-ritratt ta' l-Isqof Lorenzo De Astiria.


### *NOTI*

1. F'din il-Visita Pastorali nsibu l-Altar ta' Sant'Ignatio ta' Loyola u ta' San Frangisk Saverju. Meta tbiddel il-kwadru ta' dan l-altar u sar dak ta' Ġesù Marija, il- kwadru qasmuh u dawn iż-żewġ qaddisin tpoġġerw fuq il- bibien tal-Knisja tal-Madonna ta' Manresa, fil-limiti tal-Belt Victoria, fejn għadhom hemm sal-lum.

2. F'din il-vizta Pastorali li saret waqt il-bini tal-Knisja l-ġdida ġiet imsejħa "MATRICI". ■


TEATRU ASTRA
jagħti bidu
għall-istaġun
Tejatrali ġdid
1998/99
bl-ispettaklu
Il-Qassis
li Rebaħ
ta' George Scicluna